**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 8 ta' Marzu, 2002**

**Numru 12**

**Avviz. numru 202/02JR**

**The Golden Shepherd Group Limited**

**vs**

**John Portelli**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fit-30 ta' Jannar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mitt lira Maltija (Lm100.00) rapprezentanti depozitu maghmul mis-socjeta` attrici lill-konvenut ghal xoghol ta' manutenzjoni fuq disa' gallariji ai termini ta' skrittura privata datata 3 ta' Frar, 2000, annessa ma' l-avviz bhala Dok.A, liema xoghol ta' manutenzjoni qatt ma twettaq;**

**Il-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex irodd lura l-fuq imsemmi depozitu u xorta baqa' nadempjenti;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 14 ta' Novembru, 2001 (annessa ma' l-avviz bhala Dok.B) u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' l-interpellanza sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut ma pprezentax risposta, pero` deher fis-seduta tas-26 ta' Frar, 2002, u iddikjara li kien qed jikkontesta t-talba attrici peress illi mid-depozitu moghti lilu kien uza ammont biex jixtri materjal kif ukoll ghamel sitt ijiem xoghol.**

**Semgha x-xhieda ta' John Depasquale ghas-socjeta` attrici, u ta' John Portelli l-konvenut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Illi din il-kawza qed issir ghar-refuzjoni ta' depozitu li thallas lill-konvenut sabiex jesegwixxi xogholijiet, liema xoghol ma giex esegwit.**

2. **Jirrizulta mill-provi li l-konvenut kien beda jahdem, u kien ghadu beda x-xoghol fuq gallarija wahda biss. Jekk wiehed jemmen il-versjoni li ta l-konvenut, kull ma kien ghamel, kien li qaxxar il-parti ta' fuq u ta' isfel ta din il-gallarija u beda jaghtiha l-passati tal-vernic.**

3. **Jirrizulta li s-socjeta` attrici giet avvicinata mid-Dipartiment tas-sahha u Sigurta` fuq ix-Xoghol, li gharrfuhom li l-konvenut ma kienx liebes "safety harness" waqt l-esekuzzjoni tax-xogholijiet.**

4. **Meta s-socjeta` attrici giet mgharrfa b'dan, Dr. Frank Portelli ghas-socjeta` attrici staqsa lill-konvenut kellux "safety harness", u dan ikkonferma li ma kellux, u ghalhekk gie mitlub ikompli x-xoghol meta jkollu s-"safety harness".**

5. **Jirrizulta li sussegwentement il-konvenut ma rritornax fuq ix-xoghol. Ghalhekk is-socjeta` attrici tablet ir-rifuzjoni tal-hlas tad-depozitu maghmul lill-konvenut.**

6. **Mill-ezami tal-fatti ma hemmx dubbju li l-htija li ma tkompliex ix-xoghol kienet imputabbli unikament lill-appaltatur, minhabba li dan naqas li jgib is-"safety harness" rikjesta. Is-socjeta` attrici kienet ghalhekk gustifikata li twaqqfu milli jkompli. Ma hemmx dubbju li s-socjeta` attrici agixxiet korrettement meta hija qalet lill-konvenut li**

biex ikompli jahdem kellu ikollu dak rikjest mid-Dipartiment tas-Sahha u Sigurta`.

7. L-eccezzjoni sollevata mill-konvenut dwar hlas allegatament dovut lilu, fil-fatt hija eccezzjoni ta' tpattija.

8. It-Tribunal ghalhekk qed jirrileva li l-ftehim bejn il-partijiet ghall-esekuzzjoni tax-xogholijiet hi regolata bl-Artikolu 1640 tal-Kodici Civili, li jipprovdi li:

> "Min jaghti x-xoghol jista' jholl, meta jrid, il-kuntratt ta' appalt, ghalkemm ix-xoghol ikun ga beda, billi jhallas lill-appaltatur l-ispejjez kollha u x-xoghol kollu tieghu, flimkien ma' somma li tigi meqjusa mill-Qorti, skond ic-cirkostanzi, izda mhux izjed mill-qliegh li l-appaltatur seta' jaghmel b'dak l-appalt."

9. Issa kif inghad mill-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Pio Gauci vs Joseph Cutajar" deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-23 ta' Mejju, 1989:

> "Il-Qorti tintendi dan l-artikolu fis-sens illi l-ammont dovut lill-appaltatur irid jigi stabbilit mill-Qorti skond it-tip ta' disdetta ta' l-appalt – mis-semplici motivazzjoni soggettiva – li timporta l-

**ammont massimu possibbli – ghar-raguni oggettiva pjenament gustifikata mill-htija ta' l-appaltatur."**

**10. Dwar l-ammont ta' xoghol li hadem il-konvenut jidher li dan kien minimu, u t-Tribunal isib aktar plawsibbli il-versjoni moghtija mis-socjeta` attrici, fis-sens li l-konvenut twaqqaf jahdem fl-ewwel, tant li kien ghadu beda biss xoghol fuq l-ewwel gallarija. Dwar il-jiem ta' xoghol it-Tribunal fuq bazi ta' ekwita` qed jnaqqas l-ammont ta' ghaxar liri bhala dovuta lill-konvenut.**

**11. Dwar spejjez inkorsi l-konvenut ma pprezenta ebda dokument in sostenn ta' nfiq fuq materjal. Il-konvenut lanqas ma esebixxa dokumentazzjoni dwar l-allegat hlas li ghamel lill-impjegat tieghu.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fl-ammont ta' disghin lira Maltija (Lm90.00), u dana wara l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 1196 tal-Kodici Civili dwar l-ammont dovut lill-konvenut, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disghin lira Maltija (Lm90.00) bl-imghaxijiet legali mit-30 ta' Jannar, 2002, sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra bonarja ta' l-14 ta' Novembru, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**